# PJAN TAL-LEZZJONI - UNIT 1.2

**Kap: Alla ħalaq kollox tajjeb u sabiħ.**

**Lezzjoni: 1.2 Il-ġmiel tal-ħolqien - in-natura u l-annimali**

**Għanijiet:**



1. Josservaw u jaraw il-ġmiel tal-ħolqien.
2. Jaraw is-sbuħija tal-ħajja fil-ħlejjaq.
3. Jagħrfu li Alla huwa kbir, bravu u sabiħ fl-elementi tal-ħolqien.
4. Ngħidu 'grazzi' lil Alla ta' dan kollu.

**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- stampi ta' affarijiet li naraw madwarna - natura u annimali (ppt 1.2 - Alla ħalaq in-natura u l-annimali)
- Bibbja għat-Tfal
- vidjow: *What a wonderful world*



http://www.youtube.com/watch?v=auSo1MyWf8g

**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

- Fakkar lit-tfal fuq dak li tkellimtu fuqu l-ġurnata ta' qabel. Itlob lil xi tfal isemmu affarijiet li jawar fis-sema u fl-art u x'importanza dawn għandhom fil-ħajja tagħna. Eżempju, ix-xemx isaħħana, ix-xita tisqi l-pjanti, eċċ.

- Erġa irrepeti l-verità li Alla huwa dak li ħalaq kollox. Alla hu Missierna li hu ħanin u jħobbna u li ħalaq dan kollu għalina.

**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

- Uri stampi ta' għasafar u tkellem dwar l-għamla, ir-rix, il-munqar, il-bejta, l-ambjent tagħhom. Semmi kif jiekol, itir u jaqbeż.

- Uri stampi ta' insetti differenti u tkellem dwar l-għamla tagħhom, fejn jgħixu u ċ-ċokon tagħhom.

- Uri stampi ta' annimali kbar (iljunfant, ġiraffa, iljun, ippopotamu, eċċ.) Tkellem dwar fejn jgħixu, x'jieklu u l-kobor tagħhom .

- Uri stampi ta' fjuri u tkellem dwar l-ilwien u d-daqs tagħhom. Tkellem dwar kif jikbru, il-fwieħa u l-isbuħija tagħhom.

- Enfasizza l-punt li Alla hu Missierna li ħalaq kollox. Erġa' aqra s-silta mill-Bibbja (Ġenesi) fejn naraw kif Alla ħalaq is-sema u l-art (tirrakkontax l-istorja tal-ħolqien imma semmi li fil-Bibbja hemm miktub li Alla ħalaq id-dinja).

- Meta tħares lejn l-annimali l-kbar tinduna kemm Alla huwa kbir. Meta tħares lejn l-insetti ż-żgħar tinduna kemm Alla huwa bravu. Meta tħares lejn il-fjuri differenti tinduna kemm Alla huwa sabiħ.
- Uri vidjow: *What a wonderful world*

http://www.youtube.com/watch?v=auSo1MyWf8g
biex tkompli tenfasizza s-sbuħija tal-ħolqien u l-kobor ta' Alla.

Aħdem jekk trid *Karta ta' taħriġ* ( a) li tinsab fir-Riżorsi Addizzjonali)

Enfasizza li meta xi ħadd jagħtina xi ħaġa aħna ngħidulu 'Grazzi!' Mela lil Alla għandna ngħidulu grazzi li ħalaq dan kollu għalina.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Semmu affarijiet sbieħ li ħalaq Alla.
2. Alla ħalaq is-sema u l-art u dak kollu li hemm fiha - il-fjuri, l-għasafar, l-insetti, l-annimali l-kbar.
3. Alla huwa kbir, sabiħ u bravu.
4. Ngħidu 'Grazzi!' lil Alla li ħalaq dan kollu għalina għax iħobbna.

**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

Naprezzaw dak kollu li naraw madwarna u li tana Alla.
Niftakru fil-kobor, is-sbuħija u l-bravura ta' Alla meta nħarsu lejn in-natura u l-annimali ta' madwarna.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

**Poeżija jew Inkantaw:**

I love the sun
It shines on me
God made the sun
And God made me!

I love the stars
They twinkle on me
God made the stars
And God made me!

I love the rain
It showers on me
God made the rain
And God made me!

I love the flowers
They smile at me
God made the flowers
And God made me!

I love the birds
They sing to me
God made the birds
And God made me!



**Nitolbu**



Grazzi Alla talli ħlaqt id-dinja!
Grazzi talli mlejtha bil-fjuri u bl-għasafar sbieħ,
bl-annimali kbar u bl-insetti żgħar.
Grazzi ta' kemm għamiltilna dinja sabiħa!
Grazzi talli tħobbna!
Ammen!